MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 943/1997/1

**Josianne Borg**

**vs**

**Joseph u Miriam konjugi Grech Bonett u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2004 il-kliem fl-ewwel linja ta' l-okkju tal-konvenut jigu kancellati u sostitwiti bl-ismijiet "Joseph Grech u Miriam Grech Bonett"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fit-12 ta' Mejju 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm932) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' purtieri, rails u materjal iehor konness max-xoghol imsemmi, bl-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub mill-attrici fl-avviz mhux dovut u di piu’ x-xoghol ta’ purtieri, rails u materjal iehor maghmul mill-attrici mhux tal-kwalita’ pattwita’ u mhux kif ordnat mill-esponenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess xoghol ta’ purtieri mhux mahdum skond is-sengha u l-arti u l-prezzijiet rikjesti mill-attrici huma eccessivi;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, diga’ kien sar ftehim bejn il-kontendenti illi l-attrici tiehu lura l-materjal kollu, kif del resto kienet diga’ bdiet taghmel, u tirrifondi hi lura lill-esponenti d-depozitu li kien lilha thallas;

Ghalhekk l-eccippjenti ser iressqu kontro talba;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti fejn eccepew illi:

Biha qed isejhu lil Josianne Borg sabiex tidher quddiem din l-Onorabbli Qorti u twiegeb u tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-konvenuti Joseph u Miriam konjugi Grech Bonett is-somma ta’ sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm628), rapprezentanti d-depozitu li kien lilha mhallas mill-istess konvenuti permezz ta’ zewg pagamenti ta’ Lm100 u Lm528 maghmulha rispettivament fl-14 ta’ Jannar 1997 u fit-2 ta’ Frar 1997;

U dan prevja illi x-xogholijiet ta’ purtieri, rails u materjal iehor konness max-xoghol imsemmi ma sarx skond is-sengha u l-arti, mhux tal-kwalita’ pattwita’ u di piu’ l-prezz mitlub mill-attrici rikonvenuta huwa wiehed eccessiv.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

B'riserva wkoll ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-konvenuti.

Rat in-nomina tat-tekniku Ivy Scerri permezz tad-digriet tat-30 ta' Gunju 1999 (fol 16).

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess tekniku minnha nominat ipprezentat u mahluf fid-19 ta' Mejju 2005.

Rat in-nota tal-konvenuti ghal hatra ta' periti perizjuri (fol 47) illi pero' ma gietx segwita' bid-digriet formali peress illi l-konvenuti ma nsistewx fuqha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attrici u l-konvenuta kienu ftiehmu fuq xoghol dekorattiv li kellu jsir fid-dar tal-konvenuti, liema xoghol kellu jikkonsisti fi hjata u tqeghid ta' purtieri inkluz accessorji bhal *tie bags*, kisi ta' shades, twahhil ta' rails u tqeghid ta' l-istess purtieri mehjuta u tqeghid tax-sheers, kif ukoll il-materjal kollu nkluz ghal tali xoghol. Jirrizulta illi l-attrici u l-konvenuta kienu ltaqghu u sar ftehim bejniethom verbalment wara li l-attrici uriet lill-konvenuta xi stampi u ritratti u mostri tad-drapp. Ftiehmu li wara kellhom imorru jixtru d-drapp flimkien.

Meta marru ghand tad-drapp, mill-mostri li l-attrici uriet lill-konvenuta ma kellhux u ghalhekk intaghzel drapp iehor bil-kunsens tal-konvenuta. Irid jinghad li waqt li sar il-ftehim il-konvenut qatt ma kien prezenti. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien qabel li l-attrici kellha tithallas mitt lira (Lm100) akkont tax-xoghol u dan sar sa qabel ma ltaqgha ma' l-istess attrici. Nbeda x-xoghol fuq il-purtieri u l-attrici waslet fi stadju li hadet xi xoghol fid-dar tal-konvenuti u l-konvenut kien irrimarka li kien kuntent bix-xoghol li kienet qed taghmel. Di fatti jirrizulta li l-konvenuti kienu anke ghamlu pagament iehor lill-attrici akkont tax-xoghol taghha u s'issa qatt ma qamet il-kwistjoni li x-xoghol gholi

fil-prezz. L-inkwiet bejn il-partijiet jidher illi beda jinqala meta beda jsir it-twahhil tax-xoghol fid-dar tal-konvenuti.

Il-perit tekniku nominat mill-Qorti hadet il-konstatazzjonijiet kollha necessarji u waslet ghal konkluzzjoni illi *"mix-xoghol kollu li giet murija waqt l-access ma setghet tara u ssib l-ebda difett fil-mod kif gew mehjuta  l-purtieri........ ghalhekk l-esponenti thoss illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti, filwaqt li l-kontro talbiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda".*

Ikkunsidrat:

Apparti din ir-relazzjoni peritali favorevoli ghall-attrici, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha poggiet ostakolu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuta, fis-sens illi ma setghetx izzomm il-pagament u fl-istess hin izzomm l-oggetti li minnhom kienet qed tilmenta.

Irrizulta mill-provi illi f'waqt li partijiet mill-purtieri kienu gew mehuda lura mill-attrici, l-konvenuta zammet parti kbira minnhom.  L-avukat tal-konvenuti rrisponda ghal din is-sottomessjoni ta' l-attrici kemm fin-nota tieghu u kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem il-Qorti. Hu spjega li la darba l-bicciet li kien ghad fadal fil-pussess tal-konvenuti ma kellhom l-ebda uzu, dak it-taghlim li gie kkwotat mill-attrici ma kellhux jorbot.

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u taghmel referenza ghal gurisprudenza kkwotata mill-attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha fejn dawn ghamluha cara illi meta kompratur jilmenta minn xi difett fl-oggett mixtri, ma jistax jippretendi li huwa jzomm l-istess oggett minghajr ma jhallas il-prezz intier tieghu. Il-kompratur ghandu certa obbligazzjonijiet x'iwettaq biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu imma zgur ma jistax izomm l-oggett u fl-istess hin ma jhallasx ghalih.

F'dan il-kaz il-konvenuti qeghdin jilmentaw li kien hemm inadempjenza tal-kuntratt fejn l-attrici kienet ikkuntrattat maghhom illi taghmel certa xoghol u tipproduci oggett, f'dan il-kaz purtieri, u ma ghamlithux. Fil-kawza riportata

_‘Buttigieg vs Hertz’_ (Vol XXXII pt i pg 163) intqal *“jekk l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim ma hemmx vizzji redibitorju, imma jkun il-kaz l-inadempjenza tal-kuntratt, li ma ghandha x’taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji. Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim, avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh, sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt f’att tieghu stess.”* (Ara Artikolu 1390 Kap 16).

Il-Qorti jidhrilha illi l-kompraturi, cioe’ l-konvenuti f’dan il-kaz tilfu dan id-dritt f’att taghhom stess meta huma ma ddepozitawx fil-Qorti l-istess oggetti illi huma kellhom minghand l-attrici.

Fil-kawza _‘Attard Brothers vs Direttur ta’ l-Edukazzjoni’_ deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Inferjuri fl-4 ta’ Novembru 1992 il-Qorti kienet qalet illi l-kompratur li kien zamm l-oggett meta kien jaf illi dan ma kienx jahdem, kellu jhallas il-prezz shih tieghu minghajr ma kien intitolat li jnaqqas awtomatikament l-ispiza tat-tiswija jew alterazzjoni. F’dan il-kaz id-dipartiment kien xtara kwantita’ ta’ fans ta’ l-elettriku minghand l-atturi, liema fans kienu difettuzi. Madankollu avolja d-dipartiment ma setghax juza dawn il-fans u kienu *“in storage”* kellu jhallas ghalihom il-prezz intier peress li ma kkawtelax id-dritt tieghu bid-depozitu. Dana huwa ezattament dak illi gara f’dan il-kaz, minkejja illi l-konvenuti jghidu li ma uzawx u ma jistghux juzaw l-oggetti illi baqghu ghandhom, b’daqshekk ma jfissirx illi huma salvagwardaw id-drittijiet taghhom. Dan seta’ jigi salvagwardat biss bid-depozitu skond il-ligi liema depozitu ma sarx u kwindi issa m’ghandhomx triq ohra hlief li jhallsu dak l-ammont kollu li gie reklamat mill-attrici.
Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku u ma’ l-argumenti minnha migjuba. Tichad il-kontro talba tal-konvenuti u tilqa’ t-talba ta’ l-attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta’ disa’ mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm932)

rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol ta’ purtieri, rails u materjal iehor konness max-xoghol imsemmi.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------